LINJI GWIDA

LINJA GWIDA (UE) 2021/2041 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-11 ta' Novembru 2021

li temenda l-Linja Gwida (UE) 2016/2249 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rapportar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali *(BĊE/2021/51)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 12.1, 14.3 u 26.4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-kontribut tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) skont it-tieni u t-tielet inċiżi tal-Artikolu 46.2 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Billi:

(1) Il-Linja Gwida (UE) 2016/2249 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/34) [1] tistabbilixxi r-regoli għall-istandardizzar tal-kontabilità u r-rapportar finanzjarju ta' operazzjonijiet imwettqa mill-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

(2) Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat fir-rigward tal-metodi ekonomiċi u metodi ta' kontabilità skont id-data tal-ħlas li l-ammont ta' indiċjar pagabbli mal-maturità għandu jkun parti mill-ammont riportat fil-kotba ta' bonds marbuta ma' indiċi fi tmiem it-trimestru.

(3) Emendi tekniċi addizzjonali għall-Anness IV huma meħtieġa sabiex: (a) tiġi żgurata l-konsistenza madwar l-Eurosistema fir-rigward tar-rapportar finanzjarju tal-bilanċi ma', u t-titoli maħruġa minn, organizzazzjonijiet internazzjonali; (b) tkun tista' ssir il-klassifikazzjoni ta' titoli inadempjenti bħala parti minn partiti varji fuq in-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċ; u (c) tiġi ċċarata l-klassifikazzjoni ta' fondi u kontijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji fuq in-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ.

(4) Għaldaqstant, il-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34) hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Bl-eċċezzjoni tal-aġġustamenti tal-kontabilità ta' tmiem it-trimestru u ta' tmiem is-sena u tal-partiti żvelati taħt 'Assi oħrajn' u 'Passiv ieħor', l-ammonti ppreżentati bħala parti mir-rapportar finanzjarju ta' kuljum għall-finijiet ta' rapportar finanzjarju tal-Eurosistema għandhom juru biss iċ-ċaqliq tal-flus kontanti fil-partiti tal-karta tal-bilanċ. Fl-aħħar ta kull trimestru u ta' kull sena, l-amortizzament u kwalunkwe ammont ta' indiċjar pagabbli mal-maturità bħala parti mill-ammont prinċipali ta' bonds marbuta ma' indiċi għandhom ikunu inklużi wkoll fil-valur kontabilistiku tat-titoli.';

[1] Linja Gwida (UE) 2016/2249 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Novembru 2016 dwar il-qafas legali għall-kontabilità u r-rapportar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (BĊE/2016/34) (ĠU L 347, 20.12.2016, p. 37).

2. L-Anness IV huwa sostitwit bl-Anness ta' din il-Linja Gwida.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida mill-31 ta' Diċembru 2021.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-11 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS

L-Anness IV tal-Linja Gwida (UE) 2016/2249 (BĊE/2016/34) huwa sostitwit b'dan li ġej:

""ANNESS IV

KOMPOŻIZZJONI U REGOLI TAL-VALUTAZZJONI GĦALL-KARTA TAL-BILANĊ ([1])

ASSI

Partita tal-karta tal-bilanċ ([2]) ([6])			Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni	Kamp ta' applikazzjoni ([3])]
1	1	**Deheb u ammonti riċevibbli f'deheb**	Deheb fiżiku, jiġifieri ingotti, muniti, platti, biċċiet tad-deheb maħżunin jew "under way". Deheb mhux fiżiku, bħal ma huma bilanċi f'gold sight accounts (kontijiet mhux allokati), depożiti b'terminu u pretensjonijiet biex jiġi rċevut deheb li jirriżultaw mit-tranżazzjonijiet li ġejjin: (a) tranżazzjonijiet ta' titjib jew tnaqqis fil-grad; u (b) lokazzjoni tad-deheb jew swaps tal-purità fejn ikun hemm differenza ta' aktar minn jum ta' negozju wieħed bejn ir-rilaxx u r-riċevuta	Valur tas-suq	Obbligatorji
2	2	**Pretensjonijiet fuq residenti minn barra ż-żona tal-euro denominati f'munita barranija**	Pretensjonijiet fuq kontropartijiet residenti barra ż-żona tal-euro, inklużi banek ċentrali barra ż-żona tal-euro denominati f'munita barranija		
2.1	2.1	**Ammonti riċevibbli mill-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF)**	(a) **Drittijiet ta' żbank fi ħdan il-porzjon tar-riżerva (nett)** Kwota nazzjonali bit-tnaqqis tal-bilanċi f'euro għad-dispożizzjoni tal-IMF. Il-kont Nru 2 tal-IMF (kont f'euro għal spejjeż amministrattivi) jista' jiġi inkluż taħt din il-partita jew taħt il-partita "Passiv għar-residenti barra ż-żona euro denominat f'euro"	(a) **Drittijiet ta' żbank fi ħdan il-porzjon tar-riżerva (nett)** Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji
			(b) Drittijiet ta' Żbank Speċjali (**SDRs**) Investimenti f'SDRs (gross)	(b) **SDRs** Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji
			(c) **Pretensjonijiet oħrajn** Arranġamenti ġenerali għat-teħid ta' self, self taħt arranġamenti speċjali ta' teħid ta' self, depożiti li jsiru fi trusts taħt il-ġestjoni tal-IMF	(c) **Pretensjonijiet oħrajn** Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji

2.2	2.2	**Bilanci ma' banek u investimenti f'titoli, self barrani u assi esterni oħrajn**	(a) **Bilanċi ma' banek barra ż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"** Kontijiet kurrenti, depożiti b'terminu fiss, self b'avviż ta' jum, tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist	(a) **Bilanċi ma' banek barra ż-żona tal-euro** Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji
			(b) **Investimenti f'titoli barra ż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 'Assi finanzjarji oħrajn'** Noti u bonds, kambjali, bonds żero, titoli tas-suq tal-flus, ishma ordinarji, fondi ta' investiment miżmuma bħala parti mir-riżervi barranin, kollha maħruġin minn residenti barra ż-żona tal-euro	(b)	
				(i) **Titoli ta' dejn negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità** Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Obbligatorji
				(ii) **Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità** Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani. Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Obbligatorji
				(iii) **Titoli ta' dejn mhux negozjabbli** Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani. Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Obbligatorji
				(iv) **Ishma ordinarji negozjabbli** Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji
				(v) **Fondi ta' investiment negozjabbli** Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji
			(c) **Self barrani (depożiti) barra miż-żona tal-euro minbarra dak taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"**	(c) **Self barrani** Depożiti skont il-valur nominali, maqlubin bir-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji

			(d) **Assi barranin oħrajn** Karti tal-flus u muniti mhux taż-żona tal-euro	(d) **Assi barranin oħrajn** Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji
3	3	**Pretensjonijiet fuq residenti taż-żona tal-euro denominati f'munita barranija**	(a) **Investimenti f'titoli fiż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"** Noti u bonds, kambjali, bonds żero, titoli tas-suq tal-flus, ishma ordinarji, fondi ta' investiment miżmumin bħala parti mir-riżervi barranin, kollha maħruġin minn residenti taż-żona tal-euro	(a) (i) **Titoli ta' dejn negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità** Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Obbligatorji
				(ii) **Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità** Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani. Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Obbligatorji
				(iii) **Titoli ta' dejn mhux negozjabbli** Il-kost suġġett għal indeboliment u għar-rata tas-suq tal-kambju barrani. Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Obbligatorji
				(iv) **Ishma azzjonarji negozjabbli** Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji
				(v) **Fondi ta' investiment negozjabbli** Prezz tas-suq u r-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji
			(b) **Pretensjonijiet oħrajn fuq residenti taż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"** Self, depożiti, tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist, self varju	(b) **Pretensjonijiet oħrajn** Depożiti u self ieħor skont il-valur nominali, maqlubin bir-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji

4	4	**Pretensjonijiet fuq residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'euro**			
4.1	4.1	**Bilanċi ma' banek, investimenti f'titoli u self**	(a) **Bilanċi ma' banek barra ż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"** Kontijiet kurrenti, depożiti b'terminu fiss, self b'avviż ta' jum. Tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist b'rabta mal-ġestjoni ta' titoli denominati f'euro	(a) **Bilanċi ma' banek barra ż-żona tal-euro** Valur nominali	Obbligatorji
			(b) **Titoli maħruġin minn entitajiet barra ż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn" jew il-partita tal-assi 7.1 "Titoli miżmumin għall-finijiet tal-politika monetarja"** Ishma ordinarji, fondi ta' investiment, noti u bonds, kambjali, bonds żero, titoli tas-suq tal-flus, kollha maħruġin minn residenti mhux fiż-żona tal-euro	(b)	
				(i) **Titoli ta' dejn negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità** Prezz tas-suq. Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Obbligatorji
				(ii) **Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità** Kost suġġett għall-indeboliment. Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Obbligatorji
				(iii) **Titoli ta' dejn mhux negozjabbli** Kost suġġett għall-indeboliment. Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Obbligatorji
				(iv) **Ishma ordinarji negozjabbli** Prezz tas-suq	Obbligatorji
				(v) **Fondi ta' investiment negozjabbli** Prezz tas-suq	Obbligatorji
			(c) **Self barra ż-żona tal-euro minbarra dak taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"**	(c) **Self barra ż-żona tal-euro** Depożiti skont il-valur nominali	Obbligatorji
4.2	4.2	**Pretensjonijiet li jirriżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt il-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju (ERM) II**	Self skont il-kundizzjonijiet tal-ERM II	Valur nominali	Obbligatorji

5	5	**Self lill-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro**	Partiti 5.1 sa 5.5: tranżazzjonijiet skont l-instrumenti rispettivi tal-politika monetarja deskritti fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) ([4])		
5.1	5.1	**Operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin**	Tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist regolari li jipprovdu likwidità ta' kull ġimgħa u li normalment għandhom maturità ta' ġimgħa	Valur nominali jew kost repo	Obbligatorji
5.2	5.2	**Operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal**	Tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist regolari li jipprovdu likwidità bi frekwenza ta' kull xahar, u b'maturità itwal minn dik ta' operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament	Valur nominali jew kost repo	Obbligatorji
5.3	5.3	**Operazzjonijiet ta' retroriakkwist ta' rfinar**	Tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist, eżegwiti bħala tranżazzjonijiet *ad hoc* għal finijiet ta' rfinar	Valur nominali jew kost repo	Obbligatorji
5.4	5.4	**Operazzjonijiet ta' retroriakkwist strutturali**	Tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist li jaġġustaw il-pożizzjoni strutturali tal-Eurosistema fil-konfront tas-settur finanzjarju	Valur nominali jew kost repo	Obbligatorji
5.5	5.5	**Faċilità ta' self marġinali**	Faċilità ta' likwidità mil-lejl għannhar b'rata ta' imgħax fuq assi eliġibbli speċifikata minn qabel (faċilità permanenti)	Valur nominali jew kost repo	Obbligatorji
5.6	5.6	**Krediti relatati ma' appelli għall-marġni**	Kreditu addizzjonali lil istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirriżulta minn żidiet fil-valur tal-assi sottostanti fir-rigward ta' kreditu ieħor lil dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu	Valur nominali jew kost	Obbligatorji
6	6	**Pretensjonijiet oħra fuq istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro denominati f'euro**	Kontijiet kurrenti, depożiti b'terminu fiss, self b'avviż ta' jum, tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist b'rabta mal-ġestjoni ta' portafolji ta' titoli taħt il-partita tal-assi 7 "Titoli ta' residenti taż-żona tal-euro denominati f'euro", inklużi tranżazzjonijiet li jirriżultaw mit-trasformazzjoni tar-riżervi ta' qabel ta' munita barranija taż-żona tal-euro u pretensjonijiet oħrajn. Kontijiet korrispondenti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu mhux domestiċi fiż-żona tal-euro. Pretensjonijiet oħrajn u	Valur nominali jew kost	Obbligatorji

			operazzjonijiet mhux relatati ma' operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema inkluża Assistenza ta' Likwidità ta' Emerġenza fil-forma ta' self kollateralizzat. Kwalunkwe pretensjoni li tirriżulta minn operazzjonijiet tal-politika monetarja mibdijin minn BĊN qabel ma ssieħeb fl-Eurosistema		
7	7	**Titoli ta' residenti taż-żona tal-euro denominati f'euro**			
7.1	7.1	**Titoli miżmumin għal finijiet tal-politika monetarja**	Titoli miżmumin għal finijiet tal-politika monetarja (inklużi titoli mixtrija għal finijiet tal-politika monetarja maħruġa minn organizzazzjonijiet sovranazzjonali jew internazzjonali, jew banek tal-iżvilupp multilaterali, irrispettivament mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom). Ċertifikati ta' dejn tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) mixtrijin għal finijiet ta' rfinar	(a) **Titoli negozjabbli ta' dejn** Kontabilizzati skont konsiderazzjonijiet tal-politika monetarja: (i) Prezz tas-suq Kull primjum jew skont jiġi amortizzat (ii) Kost suġġett għall-indeboliment (kost meta l-indeboliment ikun kopert minn provvediment taħt il-partita tal-passiv 13(b) "Provvedimenti"). Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Obbligatorji
				(b) **Titoli ta' dejn mhux negozjabbli** Kost suġġett għall-indeboliment. Kull primjum jew skont jiġi ammortizzat	Obbligatorji
7.2	7.2	**Titoli oħra**	Titoli minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 7.1 "Titoli miżmumin għal finijiet tal-politika monetarja" u taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"; karti tal-flus u bonds, kambjali, bonds żero, strumenti tas-suq tal-flus miżmumin għal kollox, inklużi titoli tal-gvern li jirriżultaw minn qabel l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM), denominati f'euro. Ishma ordinarji u fondi ta' investiment	(a) **Titoli ta' dejn negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità** Prezz tas-suq. Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Obbligatorji
				(b) **Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità** Kost suġġett għall-indeboliment. Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Obbligatorji

				(c) **Titoli ta' dejn mhux negozjabbli** Kost suġġett għall-indeboliment. Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Obbligatorji
				(d) **Ishma ordinarji negozjabbli** Prezz tas-suq	Obbligatorji
				(e) **Fondi ta' investiment negozjabbli** Prezz tas-suq	Obbligatorji
8	8	**Dejn tal-gvern ġenerali denominat f'euro**	Pretensjonijiet fuq il-gvern li jirriżultaw minn qabel l-UEM (titoli mhux negozjabbli, self)	Depożiti/self bil-valur nominali, titoli mhux negozjabbli skont il-kost	Obbligatorji
-	9	**Pretensjonijiet Intra-Eurosistema (+)**			
-	9.1	**Interess parteċipanti fil-BĊE (+)**	Partita tal-karta tal-bilanċ tal-BĊN biss Is-sehem ta' kull BĊN fil-kapital tal-BĊE f'konformità mat-Trattat u l-iskema kapitali u l-kontribuzzjonijiet rispettivi f'konformità mal-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ	Kost	Obbligatorji
-	9.2	**Pretensjonijiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin (+)**	Partita tal-karta tal-bilanċ tal-BĊN biss Pretensjonijiet denominati f'euro fuq il-BĊE fir-rigward ta' trasferimenti inizjali u addizzjonali ta' riżervi barranin taħt l-Artikolu 30 tal-Istatut tas-SEBĊ	Valur nominali	Obbligatorji
-	9.3	**Pretensjonijiet marbutin mal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE (+)**	Partita tal-karta tal-bilanċ tal-BĊE biss Pretensjonijiet intra-Eurosistema fil-konfront ta' BĊNi, li jirriżultaw mill-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE	Kost	Obbligatorji
-	9.4	**Pretensjonijiet netti marbutin mal-allokazzjoni ta'**	Għall-BĊNi: pretensjoni netta relatata mal-applikazzjoni tal-iskema tal-allokazzjoni tal-karti tal-flus, jiġifieri inklużi l-bilanċi intra-Eurosistema relatati mal-ħruġ ta' karti tal-flus tal-BĊE, l-ammont	Valur nominali	Obbligatorji

		karti tal-flus euro fi ħdan l-Eurosistema (+) (*)	kumpensatorju u l-entrata tiegħu fil-kont ta' bilanċ, kif definiti mid-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/36) ([5]) Għall-BĊE: pretensjonijiet relatati mal-ħruġ tal-karti tal-flus tal-BĊE, f'konformità mad-Deċiżjoni BĊE/2010/29		
-	9.5	**Pretensjonijiet oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (nett)** (+)	Pożizzjoni netta tas-subpartiti li ġejjin:		
			(a) pretensjonijiet netti li jirriżultaw mil-bilanċi tal-kontijiet TARGET2 u kontijiet korrispondenti tal-BĊNi, jiġifieri ċ-ċifra netta tal-pretensjonijiet u l-obbligazjonijiet – ara wkoll il-partita tal-passiv 10.4 "Obbligazzjonijiet oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (netti)"	(a) Valur nominali	Obbligatorji
			(b) pretensjoni li tirriżulta minħabba d-differenza bejn id-dħul monetarju li jrid jiġi ppuljat u dak li jrid jitqassam mill-ġdid. Rilevanti biss għall-perijodu bejn ir-reġistrazzjoni tad-dħul monetarju bħala parti mill-proċeduri fi tmiem is-sena, u s-saldu tiegħu fl-aħħar jum tax-xogħol f'Jannar ta' kull sena	(b) Valur nominali	Obbligatorji
			(c) pretensjonijiet oħrajn intra-Eurosistema denominati f'euro li jistgħu jirriżultaw, inkluża d-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-BĊE (*)	(c) Valur nominali	Obbligatorji
9	10	**Partiti fil-proċess tas-saldu**	Bilanċi fil-kont tas-saldu (pretensjonijiet), inkluż iċ-ċaqliq taċ-ċekkijiet li qed jinġabru	Valur nominali	Obbligatorji
9	11	**Assi oħrajn**			
9	11.1	**Muniti taż-żona tal-euro**	Muniti euro jekk BĊN ma jkunx l-emittent legali	Valur nominali	Obbligatorji
9	11.2	**Assi fissi tanġibbli u intanġibbli**	Art u bini, għamara u tagħmir inkluż tagħmir tal-kompjuter, software	Kost wara d-deprezzament Rati ta' deprezzament: — Kompjuters u hardware/software relatati, u vetturi bil-mutur: 4 sena	Rakkomandati

				— apparat, għamara u impjanti fil-bini: 10 sena — nefqa f'bini u f'innovazzjoni ewlenija kapitalizzata: 25 sena Kapitalizzazzjoni tan-nefqa: ibbażata fuq il-limitu (taħt EUR 10 000 eskluża l-VAT: mingħajr kapitalizzazzjoni)	
9	11.3	**Assi finanzjarji oħrajn**	— Interessi parteċipanti u investimenti f'sussidjarji; ishma ordinarji u fondi ta' investiment miżmuma għal raġunijiet strateġiċi/ta' politika — Titoli, inklużi ishma ordinarji u fondi ta' investiment, u strumenti u bilanċi finanzjarji oħra eż. depożiti b'terminu fiss u kontijiet kurrenti miżmumin bħala portafoll immarkat — Tranżazzjonjiet ta' retroriakkwist ma' istituzzjonijiet finanzjarji b'rabta mal-ġestjoni ta' portafolji ta' titoli taħt din il-partita tal-assi — Tranżazzjonijiet repo denominati f'euro ma' istituzzjonijiet finanzjarji taż-żona tal-euro għajr istituzzjonijiet ta' kreditu b'rabta mal-ġestjoni ta' portfolji ta' titoli għajr dawk miżmumin taħt din il-partita	(a) **Ishma ordinarji negozjabbli** Prezz tas-suq	Rakkomandati
				(b) **Fondi ta' investiment negozjabbli** Prezz tas-suq	Rakkomandati
				(c) **Interessi parteċipanti u ishma azzjonarji mhux negozjabbli, u kwalunkwe ishma azzjonarji oħrajn miżmuma bħala investimenti permanenti** Kost suġġett għal indeboliment	Rakkomandati
				(d) **Investiment f'sussidjarji jew interessi sinifikanti** Valur tal-assi nett	Rakkomandati
				(e) **Titoli ta' dejn negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità** Prezz tas-suq. Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Rakkomandati
				(f) **Titoli ta' dejn negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità jew miżmumin bħala investiment permanenti** Kost suġġett għall-indeboliment. Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Rakkomandati

				(g) **Titoli ta' dejn mhux negozjabbli** Kost suġġett għall-indeboliment. Kull primjum jew skont jiġi amortizzat	Rakkomandati
				(h) **Bilanċi ma' banek u self** Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq talkambju barrani jekk il-bilanċi jew id-depożiti huma denominati f'muniti barranin	Rakkomandati
9	11.4	**Differenzi fir-rivalutazzjoni ta' strumenti barra l-karta tal-bilanċ**	Riżultati tal-valutazzjoni ta' forwards ta' munita barranija, swaps tal-valuti skont ir-rata talkambju, swaps tar-rata tal-imgħax (sakemm ma tapplikax il-marġni ta' varjazzjoni ta' kuljum), ftehimiet tar-rata forward, tranżazzjonijiet forward f'titoli, tranżazzjonijiet ta' kambju barrani immedjata mid-data tan-negozju sad-data tas-saldu	Il-pożizzjoni netta bejn forward u spot, skont ir-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji
9	11.5	**Dovuti u prepagamenti**	Dħul mhux dovut, imma assenjabbli fil-perijodu rrapportat. Prepagamenti u imgħax akkumulat imħallas, jiġifieri mgħax akkumulat mixtri b'titolu	Valur nominali, kambju maqlub skont ir-rata tas-suq	Obbligatorji
9	11.6	**Varji**	(a) Avvanzi, self u partiti minuri oħrajn. Self mogħti fuq bażi fiduċjarja. Muniti denominati f'unitajiet tal-muniti nazzjonali taż-żona tal-euro. Spiża kurrenti (telf akkumulat nett), telf tassena preċedenti qabel il-kopertura	(a) Valur nominali jew kost	Rakkomandati
			(b) Kontijiet ta' sospiża tar-rivalutazzjoni (partita tal-karta tal-bilanċ matul is-sena biss: telf mhux realizzat fid-dati ta' rivalutazzjoni matul is-sena, li ma humiex koperti mill-kontijiet ta' rivalutazzjoni rilevanti taħt il-partita tal-passiv "Kontijiet ta' rivalutazzjoni").	(b) Differenza fir-rivalutazzjoni bejn il-kost medju u l-valur tas-suq, bil-kambju maqlub bir-rata tas-suq	Obbligatorji
			(c) Investimenti relatati ma' depożiti ta' deheb tal-klijenti	(c) Valur tas-suq	Obbligatorji
			(d) Assi netti tal-pensjoni	(d) Skont l-Artikolu 28(2)	Rakkomandati
			(e) Pretensjonijiet u titoli pendenti li jirriżultaw mill-inadempjenza ta' kontropartijiet jew emittenti eliġibbli fil-kuntest tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema	(e) Valur nominali/rekuperabbli (qabel/wara s-saldu tat-telf)	Obbligatorji

			(f) Assi jew pretensjonijiet (fil-konfront ta' terzi) approprjati u/jew akkwistati fil-kuntest tar-realizzazzjoni tal-kollateral ippreżentat mill-kontropartijiet inadempjenti tal-Eurosistema	(f) Kost (maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani fil-ħin tal-akkwist jekk l-assi finanzjarji huma denominati f'muniti barranin)	Obbligatorji
-	12	**Telf għas-sena**		Valur nominali	Obbligatorji

(*) Partiti li jridu jiġu armonizzati.

([1]) L-iżvelar relatat mal-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni, ir-remunerazzjoni tal-pretensjonijiet/obbligazzjonijiet netti intra-Eurosistema li jirriżultaw mill-allokazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro fi ħdan l-Eurosistema, u d-dħul monetarju għandhom ikunu armonizzati fir-rapporti finanzjarji annwali ppubblikati mill-BĊNi. Il-partiti li jridu jiġu armonizzati huma indikati b'asterisk fl-Annessi IV, VIII u IX.

([2]) In-numerazzjoni fl-ewwel kolonna hija relatata mal-formati tal-karta tal-bilanċ mogħtija fl-Annessi V, VI u VII (rapporti finanzjarji ta' kull ġimgħa u karta tal-bilanċ annwali kkonsolidata tal-Eurosistema). In-numerazzjoni fit-tieni kolonna hija relatata mal-format tal-karta tal-bilanċ mogħti fl-Anness VIII (karta tal-bilanċ annwali ta' bank ċentrali). Il-partiti mmarkati b'"+)' huma kkonsolidati fir-rapporti finanzjarji ta' kull ġimgħa tal-Eurosistema.

([3]) Il-kompożizzjoni u r-regoli ta' valutazzjoni elenkati f'dan l-Anness jitqiesu bħala obbligatorji għall-kontijiet tal-BĊE u għall-assi u l-obbligazzjonijiet materjali kollha fil-kontijiet tal-BĊNi għall-iskopijiet tal-Eurosistema, jiġifieri rilevanti għall-operat tal-Eurosistema.

([4]) Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3).

([5]) Deċiżjoni (UE) 2016/2248 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Novembru 2016 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2016/36) (ĠU L 347, 20.12.2016, p. 26).

([6]) Bl-eċċezzjoni tal-partita tal-assi 7.1, l-allokazzjoni tal-bilanċi għal dawk il-partiti tal-karta tal-bilanċ li jirreferu għar-residenza u/jew għas-settur ekonomiku hija bbażata fuq il-klassifikazzjoni għal skopijiet statistiċi.

OBBLIGAZZJONIJIET

Partita tal-karta tal-bilanċ ([1]) ([3])			Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-partiti tal-karta tal-bilanċ	Prinċipju tal-valutazzjoni	Kamp ta' applikazzjoni ([2])
1	1	**Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni** (*)	(a) Karti tal-flus euro, biż-żieda/bit-tnaqqis tal-aġġustamenti relatati mal-applikazzjoni tal-iskema tal-allokazzjoni tal-karti tal-flus f'konformità mad-Deċiżjoni (UE) 2016/248 (BĊE/2016/36) u d-Deċiżjoni BĊE/2010/29	(a) Valur nominali	Obbligatorji
			(b) Karti tal-flus denominati f'unitajiet tal-muniti nazzjonali taż-żona tal-euro matul is-sena tal-bidla tal-flus kontanti	(b) Valur nominali	Obbligatorji
2	2	**Obbligazzjonijiet lejn istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro marbutin mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro**	Partiti 2.1, 2.2, 2.3 u 2.5: depożiti f'euro kif deskritti fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60)		
2.1	2.1	**Kontijiet kurrenti (li jkopru s-sistema ta' riżerva minima)**	Kontijiet denominati f'euro ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li huma inklużi fil-lista ta' istituzzjonijiet finanzjarji soġġetti għar-riżervi minimi f'konformità mal-Istatut tas-SEBĊ, minbarra l-istituzzjonijiet ta' kreditu eżenti mir-rekwiżiti ta' riżerva minima. Din il-partita fiha primarjament kontijiet użati sabiex jinżammu riżervi minimi u teskludi fondi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li ma humiex disponibbli liberament	Valur nominali	Obbligatorji
2.2	2.2	**Faċilità ta' depożitu**	Depożiti mil-lejl għan-nhar b'rata ta' imgħax speċifikata minn qabel (faċilità permanenti)	Valur nominali	Obbligatorji
2.3	2.3	**Depożiti b'terminu fiss**	Ġbir għall-finijiet ta' assorbiment tal-likwidità minħabba operazzjonijiet ta' rfinar	Valur nominali	Obbligatorji
2.4	2.4	**Operazzjonijiet ta' retroriakkwist ta' rfinar**	Tranżazzjonijiet b'rabta mal-politika monetarja bil-għan li jkun hemm assorbiment ta' likwidità	Valur nominali jew kost repo	Obbligatorji

2.5	2.5	**Depożiti relatati ma' appelli għall-marġni**	Depożiti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirriżultaw minn tnaqqis fil-valur ta' assi sottostanti fil-konfront ta' krediti lejn dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu	Valur nominali	Obbligatorji
3	3	**Obbligazzjonijiet oħrajn lejn istituzzjonijiet ta' kreditu oħra taż-żona tal-euro denominati f'euro**	Tranżazzjonijiet repo ma' istituzzjonijiet ta' kreditu għall-ġestjoni ta' portafolji ta' titoli taħt il-partita tal-assi 7 "Titoli ta' residenti fiż-żona tal-euro denominati f'euro". Operazzjonijiet oħrajn mhux relatati mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema. Fondi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li ma humiex disponibbli liberament, u kontijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu eżenti mir-rekwiżiti ta' riżerva minima. Kull obbligazzjoni/depożitu li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' politika monetarja mibdijin minn bank ċentrali qabel ma ssieħeb fl-Eurosistema	Valur nominali jew kost repo	Obbligatorji
4	4	**Ċertifikati ta' dejn maħruġin**	Partita tal-karta tal-bilanċ tal-BĊE biss – għall-BĊNi partita tranżizzjonali tal-karta tal-bilanċ. Ċertifikati ta' dejn kif deskritt fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60). Karta ta' skont, maħruġa bil-għan ta' assorbiment tal-likwidità	Kost. Kull skont jiġi amortizzat	Obbligatorji
5	5	**Obbligazzjonijiet lejn residenti oħra taż-żona tal-euro denominati f'euro**			
5.1	5.1	**Gvern ġenerali**	Kontijiet kurrenti, depożiti b'terminu fiss, depożiti ripagabbli fuq talba	Valur nominali	Obbligatorji
5.2	5.2	**Obbligazzjonijiet oħrajn**	Kontijiet kurrenti ta' persunal, kumpaniji u klijenti inklużi istituzzjonijiet finanzjarji mhux soġġetti għar-rekwiżiti ta' riżerva minima (ara l-partita tal-passiv 2.1 "Kontijiet kurrenti"); tranżazzjonijiet repo ma' istituzzjonijiet finanzjarji minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu għall-ġestjoni ta' titoli minbarra dawk taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn"; depożiti b'terminu fiss, depożiti ripagabbli fuq talba	Valur nominali	Obbligatorji

6	6	**Obbligazzjonijiet lejn residenti mhux taż-żona tal-euro denominati f'euro**	Kontijiet kurrenti, depożiti b'terminu fiss, depożiti ripagabbli fuq talba inklużi kontijiet miżmuma għal skopijiet ta' ħlas u kontijiet miżmuma għal skopijiet ta' ġestjoni tar-riżerva. Tranżazzjonijiet repo għall-ġestjoni ta' titoli denominati f'euro. Bilanċi ta' kontijiet TARGET2 tal-banek ċentrali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro	Valur nominali jew kost repo	Obbligatorji
7	7	**Obbligazzjonijiet lejn residenti taż-żona tal-euro denominati f'munita barranija**	Kontijiet kurrenti, obbligazzjonijiet taħt tranżazzjonijiet ta' repo; normalment tranżazzjonijiet ta' investiment li jużaw assi f'munita barranija jew deheb	Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji
8	8	**Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro denominati f'munita barranija**			
8.1	8.1	**Depożiti, bilanċi u obbligazzjonijiet oħrajn**	Kontijiet kurrenti. Obbligazzjonijiet taħt tranżazzjonijiet repo; normalment tranżazzjonijiet ta' investiment permezz ta' assi f'munita barranija jew deheb	Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji
8.2	8.2	**Obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt ERM II**	Self f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-ERM II	Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji
9	9	**Il-kontroparti ta' drittijiet speċjali ta' żbank allokati mill-IMF**	Partita denominata bħala SDR li turi l-ammont ta' SDRs li kienu oriġinalment allokati lill-pajjiż/BĊN rispettiv	Valur nominali, maqlub bir-rata tas-suq	Obbligatorji
-	10	**Obbligazzjonijiet Intra-Eurosistema (+)**			
-	10.1	**Obbligazzjonijiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin (+)**	Partita fil-karta tal-bilanċ tal-BĊE biss denominata f'euro	Valur nominali	Obbligatorji

-	10.2	**Obligazzjonijiet relatati mal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE** (+)	Partita tal-karta tal-bilanċ tal-BĊN biss Obbligazzjoni intra-Eurosistema fil-konfront tal-BĊE li tirriżulta mill-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn mill-BĊE	Kost	Obbligatorji
-	10.3	**Obbligazzjonijiet netti marbuta mal-allokazzjoni ta' karti tal-flus tal-euro fi ħdan l-Eurosistema** (+), (*)	Partita tal-karta tal-bilanċ tal-BĊN biss. Għall-BĊNi: obbligazzjoni netta relatata mal-applikazzjoni tal-iskema tal-allokazzjoni tal-karti tal-flus jiġifieri inklużi l-bilanċi intra-Eurosistema relatati mal-ħruġ ta' karti tal-flus tal-BĊE, l-ammont kumpensatorju u l-entrata tiegħu fil-kont ta' bilanċ, kif definiti mid-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36)	Valur nominali	Obbligatorji
-	10.4	**Obbligazzjonijiet oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (netti)** (+)	Pożizzjoni netta tas-subpartiti li ġejjin:		
			(a) obbligazzjonijiet netti li jirriżultaw mil-bilanċi tal-kontijiet TARGET2 u kontijiet korrispondenti tal-BĊNi, jiġifieri ċ-ċifra netta tal-pretensjonijiet u l-obbligazjonijiet – ara wkoll il-partita tal-attiv 9.5 "Pretensjonijiet oħrajn fi ħdan l-Eurosistema (netti)"	(a) Valur nominali	Obbligatorji
			(b) Obbligazzjoni dovuta minħabba d-differenza bejn id-dħul monetarju li jrid jiġi ppuljat u mqassam mill-ġdid. Rilevanti biss għall-perijodu bejn l-entrata tad-dħul monetarju bħala parti mill-proċeduri ta' tmiem is-sena, u l-ħlas tiegħu fl-aħħar jum tax-xogħol f'Jannar ta' kull sena	(b) Valur nominali	Obbligatorji
			(c) obbligazzjonijiet oħrajn intra-Eurosistema denominati f'euro li jistgħu jirriżultaw, inkluża d-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-BĊE (*)	(c) Valur nominali	Obbligatorji
10	11	**Partiti fil-proċess li jiġu saldati**	Bilanċi fil-kont tas-saldu (passiv), inkluż iċ-ċaqliq ta' trasferimenti giro	Valur nominali	Obbligatorji

10	12	**Obbligazzjonijiet oħrajn**			
10	12.1	**Differenzi firrivalutazzjoni ta' strumenti barra l-karta talbilanċ**	Riżultati tal-valutazzjoni ta' forwards ta' munita barranija, swaps tal-valuti skont ir-rata tal-kambju, swaps tar-rata tal-imgħax (sakemm ma tapplikax il-marġni ta' varjazzjoni ta' kuljum), ftehimiet tar-rata forward, tranżazzjonijiet forward f'titoli, tranżazzjonijiet ta' kambju barrani immedjata mid-data tan-negozju sad-data tas-saldu	Il-pożizzjoni netta bejn forward u spot, skont ir-rata tas-suq tal-kambju barrani	Obbligatorji
10	12.2	**Dovuti u dħul miġbur bilquddiem**	Nefqa li ssir dovuta f'perijodu filfutur imma relatata mal-perijodu ta' rapportar. Dħul riċevut fil-perijodu rrapportat imma relatat ma' perijodu futur	Valur nominali, kambju maqlub skont ir-rata tas-suq	Obbligatorji
10	12.3	**Varji**	(a) Kontijiet ta' sospiża għat-taxxa. Kreditu f'munita barranija jew kontijiet li jkopru l-garanzija. Tranżazzjonjiet repo ma' istituzzjonijiet finanzjarji għallġestjoni ta' portafolji ta' titoli taħt il-partita tal-assi 11.3 "Assi finanzjarji oħrajn". Depożiti obbligatorji li mhumiex depożiti ta' riżerva. Partiti minuri oħra. Dħul kurrenti (profitt akkumulat nett), profitt tas-sena preċedenti qabel id-distribuzzjoni. Obbligazzjonijiet fuq bażi fiduċjarja. Muniti fiċ-ċirkolazzjoni jekk BĊN ikun l-emittent legali. Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni denominati f'unitajiet tal-muniti nazzjonali taż-żona tal-euro li ma baqgħux munita legali imma li għadhom fiċ-ċirkolazzjoni wara s-sena tal-bidla tal-flus kontanti, jekk mhux murija taħt il-partita tal-passiv "Provvedimenti".	(a) Valur nominali jew kost (repo)	Rakkomandati
			(b) Depożiti f'deheb tal-klijenti	(b) Valur tas-suq	Obbligatorji
			(c) Obbligazzjonijiet tal-pensjoni netti	(c) Skont l-Artikolu 28(2)	Rakkomandati

10	13	**Provedimenti**	(a) Għal pensjonijiet, għal riskji finanzjarji, u għal skopijiet oħrajn eż. spejjeż futuri mistennija, provvedimenti għal unitajiet tal-muniti nazzjonali taż-żona tal-euro li ma baqgħux munita legali imma li għadhom fiċ-ċirkolazzjoni wara s-sena tal-bidla tal-flus kontanti jekk dawn il-karti tal-flus ma jintwerewx taħt il-partita tal-passiv 12.3 "Passiv ieħor/varji" Il-kontribuzzjonijiet mill-BĊNi lill-BĊE f'konformità mal-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ huma kkonsolidati bl-ammonti rispettivi żvelati taħt il-partita tal-attiv 9.1 "Interess parteċipanti fil-BĊE" (*)	(a) Valur tal-kost/nominali/skontat	Rakkomandati
			(b) Għal riskji tal-kontropartijiet jew tal-kreditu li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' politika monetarja	(b) Valur nominali	Obbligatorji
11	14	**Kontijiet ta' rivalutazzjoni**	Kontijiet ta' rivalutazzjoni relatati ma' ċaqliq fil-prezz tad-deheb, għal kull tip ta' titoli denominati f'euro, għal kull tip ta' titoli denominati f'munita barranija, għal opzjonijiet; differenzi fil-valutazzjoni tas-suq relatati ma' derivattivi tar-riskji tar-rata ta' imgħax; kontijiet ta' rivalutazzjoni relatati ma' ċaqliq fir-rata tal-kambju barrani għal kull pożizzjoni netta ta' munita miżmuma, inklużi swaps/forwards tal-valuti skont ir-rata tal-kambju u SDRs. Il-kontribuzzjonijiet mill-BĊNi f'konformità mal-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ lill-BĊE huma kkonsolidati bl-ammonti rispettivi żvelati taħt il-partita tal-attiv 9.1 "Interess parteċipanti fil-BĊE" (*)	Differenza fir-rivalutazzjoni bejn il-kost medju u l-valur tas-suq, bil-kambju maqlub bir-rata tas-suq	Obbligatorji
12	15	**Kapital u riżervi**			
12	15.1	**Kapital**	Kapital imħallas – il-kapital tal-BĊE huwa kkonsolidat bl-ishma kapitali tal-BĊNi	Valur nominali	Obbligatorji

12	15.2	**Riżervi**	Riżervi legali u riżervi oħra. Qligħ miżmum Il-kontribuzzjonijiet mill-BĊNi lill-BĊE f'konformità mal-Artikolu 48.2 tal-Istatut tas-SEBĊ huma kkonsolidati bl-ammonti rispettivi żvelati taħt il-partita tal-attiv 9.1 "Interess parteċipanti fil-BĊE" (*)	Valur nominali	Obbligatorji
10	16	**Profitt għas-sena**		Valur nominali	Obbligatorji"

(*) Partiti li jridu jiġu armonizzati. Ara l-premessa 5

(1) In-numerazzjoni fl-ewwel kolonna hija relatata mal-formati tal-karta tal-bilanċ mogħtija fl-Annessi V, VI u VII (rapporti finanzjarji ta' kull ġimgħa u karta tal-bilanċ annwali kkonsolidata tal-Eurosistema). In-numerazzjoni fit-tieni kolonna hija relatata mal-format tal-karta tal-bilanċ mogħti fl-Anness VIII (karta tal-bilanċ annwali ta' bank ċentrali). Il-partiti mmarkati b"+)' huma kkonsolidati fir-rapporti finanzjarji ta' kull ġimgħa tal-Eurosistema.

(2) Il-kompożizzjoni u r-regoli ta' valutazzjoni elenkati f'dan l-Anness jitqiesu bħala obbligatorji għall-kontijiet tal-BĊE u għall-assi u l-obbligazzjonijiet materjali kollha fil-kontijiet tal-BĊNi għall-iskopijiet tal-Eurosistema, jiġifieri rilevanti għall-operat tal-Eurosistema.

(3) L-allokazzjoni tal-bilanċi għal dawk il-partiti tal-karta tal-bilanċ li jirreferu għar-residenza u/jew għas-settur ekonomiku hija bbażata fuq il-klassifikazzjoni għal skopijiet statistiċi."